- *APPALT –*
- *ART 1633 – 1640 – KAP 16 –*
- *RELAZZJONI GURIDIKA –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta tnejn (2) ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 32**
**Citazzjoni Numru: 1701/97/RCP**

**Mario u Maria konjugi Said**

**vs**

**Joseph Pule` u s-socjeta' Remms Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut Joseph Pule` kien obbliga ruhu li jikkostruwixxi "*wrapping machine*" u dan fuq inkarigu mghoti mill-atturi.

Illi dan il-ftehim sar fis-sena 1991 u sa' llum il-konvenut ghadu ma kkonsenjax din il-magna u dan minkejja diversi promessi maghmula minn zmien ghal zmien.

Illi permezz t' ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju 1997 l-atturi tterminaw il-ftehim fuq imsemmi minhabba inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut.

Illi minhabba din l-inadempjenza l-atturi soffrew danni konsiderevoli kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni izda baqghu inadempjenti.

L-istess atturi talbu ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara l-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti ghall-kostruzzjoni ta' "*wrapping machine*" gie tterminat minhabba inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

2. tiddikjara li l-konvenut jew min minnhom huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba l-inadempjenza taghhom.

3. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi occorrendo permezz ta’ periti nominandi.

4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali kontra l-konvenuti mill-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju,1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew :-

1) Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in vista tal-fatt illi l-atturi messhom talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistabillixxi zmien xieraq u opportun fic-cirkostanzi, u dan *ai termini* tal-artikoli 1077 u 1078 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant it-talba odjerna hija wahda intempestiva u vessatorja.

2) Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in subsidio jigi eccepit ukoll illi x-xoghol ta' kostruzzjoni kellu jsir mis-socjeta konvenuta u mhux mill-konvenut Joseph Pule` f'ismu personali, u ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn Joseph Pule` u l-atturi.

3) Illi ghalhekk Joseph Pule` fil-kwalita tieghu personali ma ghandu assolutament xejn x'jaqsam mat-talba tal-atturi, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u l-atturi, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4) Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li fl-ewwel lok ix-xoghol relattiv, ossia l-kostruzzjoni tar-'*wrapping machine*', huwa ta' natura *'kreattiv'* u ghaldaqstant ma gie stipulat ebda terminu bejn il-partijiet ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni u ghall-konsenja relattiva u li inoltre kien hemm dewmien risultanti minn diversi fatturi, li ma kienux kawzati mill-konvenuti.

5) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol.14 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju,1998;

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha esebew l-affidavits taghhom u pprezentaw sbatax-il dokument immarkati Dok MS1 sa MS17;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru,1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-kontro-ezami tal-partijiet, ix-xhieda ta' Dr.Frederick Zammit-Maempel u xhieda ohra li ma jistghux jigu prodotti b'affidavit;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Mark Micallef immarkat Dok MS 18;

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha esebew l-affidavit tal-konvenut Joseph Pule';

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu,1999;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-23 ta' April, 1999 fejn xehed in kontro-ezami Mario Said; tal-24 ta' Mejju,1999; u tal-14 ta' Gunju,1999;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju, 1999;

Rat is-seduta tal-20 ta' Lulju,1999 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn kompla jixhed in kontro-ezami Mario Said; u tat-28 ta' Lulju,1999 fejn Dr. Doreen Clarke ghall-atturi esebiet permezz ta' nota erba' dokumenti

mmarkati Dok DC1 sa Dok DC4; tat-22 ta' Settembru,1999; tal-11 ta' Ottubru,1999; u tal-10 ta' Novembru,1999;

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Settembru,1999; tas-6 ta' Dicembru,1999; tat-3 ta' Frar,2000 fejn din il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju; tad-29 ta' Marzu,2000; tas-7 ta' April,2000; tal-14 ta' Gunju,2000 fejn Dr. Doreen Clarke pprezentat nota rigward id-danni u ddikjarat li qed tillimita ruhha ghal dak hemm indikat; tas-6 ta' Lulju,2000 fejn Dr. Doreen Clarke esebiet nota b'dokument; tat-23 ta' Novembru,2000 fejn xehdu Dr.Frederick Zammit Maempel u Joseph Pule`; tas-27 ta' Frar,2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju,2001; u tat-28 ta' Gunju,2001 fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta' Ottubru.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l- ohra tal-kawza;

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna, l-atturi ppremettew illi l-konvenut obbliga ruhu li jikkostruwixxi "*wrapping machine*" fis-sena 1991. Illi in vista tal-fatt li l-konvenut ma kkonsenjax tali magna, l-atturi tterminaw il-ftehim ta' bejniethom minhabba inadempjenza kontrattwali da parte tal-konvenuti, permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 1997. L-atturi qed jallegaw li bhala konsegwenza ta' tali inadempiment huma soffrew danni konsiderevoli. Kwindi

talbu lil din il-Qorti sabiex tiddikkjara li l-ftehim ta' bejniethom gie tterminat minhabba inadempjenza kontrattwali da parte tal-konvenuti jew min minnhom; kif ukoll, tiddikkjara li l-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghad-danni sofferti, tillikwida tali danni, u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallu dawk id-danni hekk likwidati.

Illi fl-ewwel lok, il-konvenuti qalu illi l-atturi eccepew illi x-xoghol ta' kostruzzjoni kellu jsir mis-socjeta' konvenuta u mhux mill-konvenut f'ismu personali u ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn Joseph Pule` proprio u l-atturi, u ghalhekk l-istess Joseph Pule` ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Rigward il-kostruzzjoni tal-magna in kwistjoni inghad li dan huwa xoghol ta' natura kreattiva w ghaldaqstant ma gie stipulat ebda terminu bejn il-partijiet ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni u ghall-konsenja relattiva; u li inoltre' kien hemm dewmien rizultanti minn diversi fatturi, li ma kienux ikkawzati mill-konvenuti.

Illi fix-xhieda tieghu **Mario Said** spjega li fin-1986 huwa kien beda n-negozju tal-produzzjoni tal-"*jelly*" flimkien ma' certu Joseph Gatt. Kienu xtraw il-makkinarju necessarju pero' wara xi sena li bdew jahdmu iddecidew li jinfirdu u jkomplu bl-istess negozju separatament; u, ghalhekk qasmu l-makkinarju li kienu xtraw. Huma kienu krew ukoll garaxx fejn hemm il-makkinarju kollu.

Huwa qal li kellhom bzonn "*wrapping machine*" biex ikomplu x-xoghol ta' produzzjoni u li huwa u l-mara kienu sabu magna lesta. Meta darba kienu ghand Studiografik saru jafu bil-konvenut Pule` peress li kien qed jaghmel *wrapping machine* ohra. Huma marru ghandu, spjegawlu x'kellhom bzonn u minhabba li tahom prezz ahjar mill-magna lesta ftehmu mieghu. Ix-xhud kompla li Joseph Gatt ordna *wrapping machine*, li giet konsenjata lilu u ghamel snin jahdem biha. Huma riedu l-istess tip ta' magna.

Ix-xhud kompla li l-ftehim tieghu ma Pule` kien li l-magna kellha tkun lesta fi zmien sitt xhur, u li l-prezz kellu jkun ta' elfejn u hames mitt lira maltija (Lm 2500). Dan il-prezz kellu jkopri x-xoghol ta' idejn u l-materjal kollu li seta' jkollu bzonn ghall-bini ta' din il-magna.Il-ftehim finali sar fid-19 ta' Frar 1991 meta hallsu seba' mitt lira akkont tal-prezz – pero' ftehim bil-miktub ma kienx hemm. Sadanittant xtraw z-zokkor u l-affarijiet necearji ghall-produzzjoni tal-*jelly*. Hadu hsieb l-artwork minghand Studiografik; kif ukoll ordnaw ir-wrapping li kellu jigi konsenjat ghall-ahhar ta' Lulju 1991 minhabba li l-magna kellha titlesta fiz-zmien sitt xhur.

Dak is-sajf il-konvenut wegga' u kellu jieqaf ftit mix-xoghol pero' qalilhom li ma kienx ser idum wisq ma jerga' jibda u li ftit xhur wara kien ser ilestilhom l-magna. Fil-fatt rega' beda jahdem u anki talbu biex l-attur jixtri xi *parts* ghall-magna. Darba kien anki talbu biex jizboh il-frame tal-magna u huwa hekk ghamel. Iz-zmien beda ghaddej u l-konvenut dejjem

kien ighidlu li daqt kienet se tkun lesta u baqghu dejjem bil-weghdiet. F'Awissu 1996, fuq talba ta' l-attrici, mar il-garaxx u qaltlu li kienet stenniet bizzejjed u li kellu jfittex ilesti; izda xorta ma lestihiex. Minhabba li kien ghadda hafna zmien u ma kellhom xejn bil-miktub bdew jinkwetaw anki minhabba l-flus li kienu hallsu. Fl-ahhar ta' Jannar 1997 mar ghandu u talbu ricevuta tas-Lm700 li kien hallsu u Pule` qallu li kien ser ilesti l-magna fi zmien xahar. Ghalhekk tah karta li ffirmaha fil-31 ta' Jannar 1997. Pero' l-magna xorta baqghet ma gietx. Ftit wara marru ghand l-avukat, baghtulu ittra u baqghu ma rcevewx risposta.

Inoltre' zied li minhabba li ma kellhomx ir-*wrapping machine* ma setax jibda n-negozju li kien investa aktar minn ghoxrin elf lira fih. Ghall-ewwel sena ppruvaw jaghmlu *wrapping* bl-idejn pero` dan ma kienx mod efficjenti. Pero' ghalkemm in-negozju kien wieqaf il-pagamenti tal-bank xorta kellu jhallashom; u b'hekk beda jaghmel tipi ta' xogholijiet ohra. Sussegwentement l-attrici bdiet iggib xi hwejjeg ghall-bejgh.

Illi in kontro-ezami qal illi ma jiftakarx meta ordna l-magna. Huwa cahad li qatt mela bil-vit ghaliex ghandu *measuring filling machine*; u kwindi ma jistax ikun li fin-1992 meta Pule' mar ghandu rah li kien qed jimla l-*containers* tal-*jelly* bil-vit u li kien qed jirrepjawhom manwalment. Pero' qal ukoll li ma jafx x'kienet id-ditta tal-*measuring filling machine* imma din ghadha ghandu.Xehed li apparti *jelly* kienu jippakkjaw *sultanas, spices* u oggetti ohra tal-*confectionery.*

Qabel ukoll li l-magna in kwistjoni kienet intiza biss ghall-*jelly* u mhux ghall-prodotti l-ohra. Meta gie mistoqsi ghalfejn ma kompliex bin-negozju ta' l-ippakkjar ta' l-oggetti l-ohra x-xhud irrisponda illi ma kompliex peress li kien jisthi jghid li ma setax jaghtihom *jelly*. Xehed ukoll dwar il-*loans* li kien ha pero' aktar tard Dr Clarke ghall-atturi rtirat id-danni dwar telf ta'profitti f'dawn l-ahhar tmien snin.

Huwa qal li meta huwa u siehbu Gatt kienu nfirdu qasmu l-makkinarju. Qal li minn 1987 san-1991 kien jirreppja l-*jelly* bl-idejn u waqaf jaghmel hekk fin-1991/1992. Min-1997 'l quddiem huwa kien jahdem mill-garaxx ta' taht id-dar.

Rigward il-magna ta' Gatt huwa qal li ma kienx jaf li kien hemm xi problemi dwarha fosthom tal-moffa u li kienet izomm l-arja go fiha. Xehed ukoll li ma kienx jiftakar meta kienu kitbu l-kumpanniji barra minn Malta fuq il-magni lesti. L-attur inoltre ma qabilx li s-seba' mitt lira thallsu akkont tal-*parts* u mhux tal-prezz.

Meta mistoqsi dwar ix-xiri taz-zokkor u affarijiet ohra necessarji ghall-produzzjoni tal-*jelly* qal li kien xtrahom aktar oghla wara li xtara bl-idejn pero' huma l-istess affarijiet ta' meta kien juza' bl-idejn. Li xtara differenti kien ir-*wrapping material*. Huwa baqa' jsostni li kien il-konvenut Pule` li qalilhom biex jixtru s-*cellophane* minn barra u mhux minnu li talbu biss *samples.* Huwa qal li fin-1995 mar jizbogh il-frame ta' barra bit-tul b'kollox u r-rota pero' l-magna qatt ma raha tahdem. Wara li zebagh kien kellem

lill-konvenut li ried ukoll isir *printer* sabiex titnizzel l-*expiry date* u dan in vista ta' ligi li kienet harget.

Huwa qal li kien is-suq stess li qatghu u ma waqafx sempliciment ghax iddecieda hekk. Il-problema kienet li ghalkemm kellu bejgh pero' ma kellux *presentation* u kwindi ma baqax aktar kompetittiv. Ma xtarax magna lesta peress li imbaghad beda jaghmel xoghol iehor. Fin-1994 beda juza' l-*basement* bhala *store* tal-hwejjeg ghaliex martu bdiet timporta l-hwejjeg u kienu *wholesalers*.

Xehdet ukoll l-attrici **Maria Said** li kkorroborat ix-xhieda li ta zewgha.

Fl-affidavit tieghu **Mark Micallef** qal illi kellu bzonn magna u sar jaf b'Pule'. Hu mar mar-ragel t'ohtu ghandu diversi drabi u xehed li l-konvenut kien ighidlu biex itih ftit cans pero' jaf li qatt ma lestiha. Qal ukoll li ghalkemm Pule' ha d-depozitu ta' Lm700 minghandu xi sentejn qabel dan ghadu ma tahx il-magna.

Il-konvenut **Joseph Pule`** min-naha tieghu spjega li hu ghandu kumpanija Remms Limited u x-xoghol kollu li jaghmel isir minnha. Qal kif sar il-ftehim ma' Joseph Gatt u li kienu ftehmu li Gatt kellu johrog l-ispejjez kollha relattivi li kienu jinkludu l-materjal, il-*pneumatic parts*, etc filwaqt li l-konvenut kellu jiddisinja u jahdem il-magna. Il-prezz finali ma kellux jaqbez is-somma ta' Lm2,500. Wara xi provi beda jahdem fuqha u madwar sitta jew seba' xhur ghamlu

l-ewwel provi pero' kien irrizulta li kien hemm xi problemi. Ftit taz-zmien wara li dan Gatt kien beda jahdem bil-magna kien avvicinah l-attur biex jaghmillu *wrapping machine* ohra. Il-konvenut kien spjegalu li din riedet tkun mekkanikament differenti minn ta' Gatt sabiex jigu eliminati l-problemi relattivi. Il-prezz kien ta' Lm2,500 li minnhom Lm700 kienu ghal spejjez ta' materjal u *parts*. Huwa sostna fl-affidavit tieghu li ma kienx hemm ftehim dwar data meta l-magna kellha tkun lesta minhabba l-fatt illi l-magna kienet unika w esperimentali. Din hija *policy* tal-kumpanija peress li xoghol ta' *research and development* huwa xoghol inventiv u jirrikjedi hafna hsieb w esperimentazzjoni li jiehu certu zmien, u li huma ma jkollhomx kontroll fuqu.

Huma bdew jahdmu fuq il-magna wara xi xahar u kien talab lill-attur sabiex jehodlu *sample* tar-*wrapping material*. Huwa cahad li qatt qallu biex jordna xi materjal. Spjega li kellu incident serju fuq ix-xoghol li zammu l-isptar ghal xi xahrejn, u wara li mar id-dar dam xi hames xhur biex imur lura x-xoghol. Xehed li ma setax joqghod fuq saqajh biss ghal zmien qasir. L-attur mar ghandu f'dan iz-zmien u qallu li l-magna ried ikollha wkoll *date printer* inkorporat, u ghalhekk ix-xhud beda jfittex u sablu. Pero' din holqot problema fejn seta' jitwahhal.

Huwa kompla li kien mar ghandhom fuq talba ta' Mrs.Said u sab il-post mibdul u sar negozju tal-hwejjeg. Spjegalhom il-problemi li kien iltaqa' maghhom u kien qalilhom li kien imposibbli li jlestilhom fi zmien xahar. Hu qal li f'Jannar

1997 il-problema tal-arja kienet bazikament rizolta, izda kien ghad baqa' l-problema tal-*printer*.

Fl-affidavit tieghu spjega l-*policy* ta' Remms Limited meta jkollha xoghol ta' *Research and Development*. Qal inoltre' li kull meta mar ghand l-atturi, fil-perjodu meta kien qieghed isir ix-xoghol fuq il-magna, dejjem kien jarahom jahdmu fil-produzzjoni tal-*jelly* u l-ippakkjar tal-istess bl-idejn, fil-*garage* ta' taht id-dar taghhom.

B'riferenza ghall-affidavit ta' **Mark Micallef** hu qal li l-magna li kien ordna kienet identika ghall-magna ohra li kienu mmodifikaw u li m'ghandhiex x'taqsam ma' dik tal-atturi, u ddikkjara li tali magna ilha lesta sa mill-bidu tan-1998 u kien qallu biex jigborha. Dan fil-fatt gabarha u hadielu ghal xi modifiki. F'nofs in-1998 dan Micallef talbu biex jaghmillu magna ohra.

Illi in kontro-ezami qal illi l-problemi li kien hemm kienu l-*magic eye,* id-*date printer,* u l-ispessur. Huwa ammetta li biex jipprova l-magna minn zmien ghal zmien kien ikollu bzonn *wrapping material,* u kellu bzonn bejn 10 sa ghoxrin metru. Fuq mistoqsija tal-Qorti rrisponda li ma giex stipulat zmien peress li din riedu jizviluppawha; u din ghalkemm kienu ghamlu wahda qabel kien ghad fiha d-difetti. Wara li kien solva l-problemi mekkanici kien fadal il-problemi bl-ispessur li ma ssolviet qatt; kif ukoll il-problema tal-*printer* li ma kienx hemm spazju fejn tidhol.

In ri-ezami qal illi in kwantu spejjez illi ghamel ghall-kostruzzjoni ta' din il-magna pprezenta dokument (Dok. LD1) fejn hemm elenkat l-affarijiet li xtara.

Xehed ukoll **Mr Frederick Zammit Maempel** dwar il-kondizzjoni li dahal fiha l-isptar il-konvenut Pule’ fil-31 ta’ Awissu 1991. Irrizulta li dan waqa’ minn fuq sellum u kisser il-*capital hip joint*. Huwa gie *discharged* fid-9 ta’ Ottubru ta’ l-istess sena; u kien jimxi fuq il-krozzi. L-ahhar nota li sab kien fl-*out patients* tas-17 ta’ Jannar 1992. Qal li frattura bhal dik bilfors kellu dizabilita’ permanenti. Inoltre’ zgur li ghall-sitt xhur ma setax jahdem. Pero’ wara sena, disa’ xhur jkun mar lura ghaliha. Ix-xhud kompla li l-konvenut dahal l-isptar diversi drabi ohra fuq problemi ohra imma mhux fuq l-incident in kwistjoni. Deher li gie riferut l-isptar fin-1997 u fin-1999.

Illi l-azzjoni odjerna tinkwadra ruhha taht it-titlu ta’ l-appalti. Fil-fatt l-**Artikolu 1633 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk :-

*“Meta wiehed jigi mqabbad ghal xi xoghol, jista’ jigi miftiehem li hu ghandu jaghti biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, inkella li jaghti wkoll il-materjal.”*

**L-Artikolu 1640** tal- Kodici Civili jaqra :-

(1) ”*Min jaghti x-xoghol jista’ jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga’ beda.*

(2) *Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.*

(3) *Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilita' ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li jkun sofra.*

(4) *Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-subartikolu (2) jew (3) ta' dan l-artikolu u l-appaltatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta.*

(5) *Il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta' ebda awtorita' jew konferma mill-Qorti."*

Illi mill-provi kollha prodotti din il-Qorti, ghalkemm kellha quddiemha provi konfliggenti ghall-ahhar, waslet ghall-konkluzzjoni fuq bazi ta' probabilita` li meta l-atturi tkellmu mal-konvenut Joseph Pule' dan kien qed jirrapprezenta lis-socjeta' Remms Limited. In effetti kif jirrizulta minn Dok.MS

4 (a fol.26 tal-process) li l-attur hareg ic-cekk fuq is-socjeta' konvenuta. Inoltre' jirrizulta wkoll minn Dok. MS14 (a fol.36 tal-process) li l-ircevuta li nghatat ghall-versament tas-Lm700 min-naha tal-attur inharget mis-socjeta' konvenuta; u, Joseph Pule' iffirma biss ghan-nom tal-istess socjeta'. Kwindi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu milqugha. Jigi rilevat ukoll li min-naha tal-atturi ma ngabu l-ebda provi f'dan ir-rigward, anzi mill-kumpless tal-provi jirrizulta assodat li l-attur kien ben konoxxenti tal-fatt li l-konvenut kien ipprezenta ruhu mhux personalment izda ghan-nom tas-socjeta` konvenuta ghaliex kieku mod iehor huwa difficli biex wiehed jifhem kif l-attur hareg ic-*cheque* fuq is-socjeta` konvenuta u mhux fuq il-konvenut personali.

Illi l-konvenut spjega li l-magna ordnata kienet wahda esperimentali u spjega wkoll li l-*policy* tas-socjeta' konvenuta hija li f'kaz ta' *research and development* bhala regola ma tinghatax dati finali minhabba n-natura esperimentali. Min-naha taghhom l-atturi jsostnu li kienu ftehmu fuq terminu ta' sitt xhur pero' ma kien hemm xejn bil-miktub. Illi jinghad pero' li mill-provi prodotti, fiz-zmien li l-atturi ordnaw il-magna in kwistjoni, huma kellhom bzonnha ghan-negozju taghhom u kwindi huwa ferm inverosimili li dawn accettaw li ma jkun hemm l-ebda terminu stabbilit sabiex titlesta. Fil- kaz odjern m'ahniex nitrattaw fuq ftit xhur izda kwazi seba' snin. Huwa minnu li l-konvenut Pule' wegga' imma il-konvalexxenza tieghu ma rrizultatx li damet is-snin. L-argumenti migjuba mill-

konvenut rigward il-fatt li l-atturi setghu ikomplu jirreppjaw b'idejhom m'humiex validi ghaliex s-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruhha li taghmlilhom il-magna u dan naqset li taghmlu b'mod lampanti tant li meta l-konvenut xehed in kontro-ezami quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2000 evidentement il-magna lanqas ma kienet ghadha lesta. Kwindi m'hemm l-ebda dubju li l-ftehim bejn il-kontendenti ghall-kostruzzjoni ta' *wrapping machine* gie tterminat minhabba inadmpjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta, li baqghet ma onoratx l-obbligi taghha, u fil-fatt dan naqset li taghmlu mhux biss fit-terminu pattwit bejn il-partijiet, izda anke wara l-istess terminu b'dan li l-istess obbligu s-socjeta` konvenuta naqset ghal kollox li tonorah.

Ghalhekk jibqa' biss il-kwistjoni tad-danni reklamati mill-atturi fil-konfront tal-istess socjeta' konvenuta. Illi l-atturi fost affarijiet ohra qed jirreklamaw id-depositu mhallas lill-konvenut akkont tal-prezz tal-magna fl-ammont ta' Lm700; kif ukoll, l-ammont ta' Lm106.70 ghall-*parts* ghall-magna mixtrija mill-attur u moghtija lill-konvenut. Illi apparti li hemm ukoll divergenza dwar jekk id-depozitu kienx akkont tal-prezz tal-magna jew le. Illi hawn ghandu jigi applikat is-**subartikolu (3) tal-Artikolu 1640** imsemmi aktar 'il fuq. Fil-kwistjoni odjerna rrizulta li m'hemm l-ebda utilita' ghall-ispejjez u ghax-xoghol li ghamel il-konvenut ghall-attur; u kif diga' inghad kien hemm raguni valida talli l-atturi hallu l-kuntratt. Kwindi s-socjeta' konvenuta ghandha trodd lura dawn l-ammonti lill-atturi.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammonti ghal zokkor mixtri minghand Borg & Aquilina (Dok MS5 u MS6 a fol 27 u 28 tal-process) u minghand Busuttil Bros. (Dok MS7 a fol 29 tal-process) dawn m'humiex dovuti lill-atturi. Fil-fatt mix-xhieda tal-attur innifsu fl-affidavit tieghu l-ftehim finali sar fid-19 ta' Frar 1991, Dok MS5 u MS7 igibu bhala data d-9 ta' Jannar 1991 u b'hekk qabel ma sar il-ftehim relattiv bejn il-partijiet, u kwindi l-ordni ma saritx minhabba li kienet ordnata l-magna mertu tal-vertenza odjerna. L-istess jinghad ghal Dok.MS7 li huwa *cheque* datat 31 ta' Jannar 1991 li ukoll hija data antecedenti ghall-ftehim bejn il-partijiet.

Dok MS8 (a fol.30 tal-process) hija *invoice* ta' *artwork* mixtri minghand Studiografik fl-ammont ta' Lm68.00 li ghalkemm irrizulta li kienu xi ftit differenti minn dak li s-soltu kienu jordnaw l-atturi pero' rrizulta mix-xhieda tal-atturi nnifishom li huma wzaw l-istess materjal sabiex il-*jelly* jigi ppakkjat bl-idejn. Kwindi tali ammont mhux dovut ladarba l-atturi utilizawh mod iehor.

L-atturi qed jippretendu wkoll il-hlas ta' Lm2193.88 ghax-xiri ta' *wrapper material* minghand S.A. La Rosa De Cristofaro (Dok.MS 11 a fol.33 tal-process). L-attur xehed li dan il-materjal ordnah minhabba li Pule' qallu li kellu bzonn biex jipprova l-magna u li minn barra mhux se joqghodu jibghatu *sample* ta' ghaxar *wrappers* u joqghod jaghmel l-*artwork*. Pero' ma gabx prova biex jipprova dan u b'hekk tali ammont konsiderevoli m'ghandhiex tbatih is-socjeta'

konvenuta. Inoltre' kif innota ben tajjeb l-avukat tal-konvenuti dan l-*invoice* mhux indirizzat lill-atturi.

Il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomisjoni tal-konvenuti li c-*cheques* f'Dok MS12 (a fol.34 tal-process) igibu data antecedenti ghall-ftehim li sar bejn il-kontendenti u kwindi m'humiex dovuti. L-ammont imsemmi ta' Lm1,757.00 f'Dok-MS 3 ma giex sostanzjat bi provi. Fl-ahharnett hemm l-ammont ta' Lm1,430.00 reklamat ghall-kera tal-garaxx fejn jinzamm il-makkinarju l-iehor. L-atturi lanqas ma ppruvaw ghalfejn qed jippretendu tali ammont, tant li rrizulta (minn fol.22 u 23 tal-process) li l-kirja kienet bdiet mis-7 ta' Mejju 1989 u li ma rrizultax x'kienet l-utilita' tieghu ghall-ippakkjar tal-*jelly.*

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-ammont ta' danni likwidati dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-atturi huwa tmien mija u sitt liri Maltin u sebghin centezmu [Lm 806.70].

## III. <u>KONKLUZZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Joseph Pule', **tilqa' t-talbiet attrici** fil-konfront tas-socjeta` konvenuta b'dan illi:

(1) Tiddikjara l-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti ghall-kostruzzjoni ta' "*wrapping machine*" gie tterminat minhabba inadempjenza kontrattwali tas-socjeta' konvenuta;

(2) Tiddikjara lill-istess socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba l-inadempjenza taghha;

(3) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tmien mija u sitt liri Maltin u seghin centezmu [Lm 806.70];

(4) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tmien mija u sitt liri Maltin u sebghin centezmu [Lm806.70]

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-konvenut Joseph Pule` u ta' l-ittra ufficjali, kif ukoll bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001.**